# Is-*Safe* tas-*Sette Giugno* f'Ħal Kirkop

**Tagħrif miġbur minn Kenneth Cassar**

*Matul din is-sena ttieħdu bosta inizjattivi sabiex ifakkru għeluq il-mitt sena mill-irvellijiet tas-sette Giugno tal-1919. Fost dawn saret wirja temporanja minn Heritage Malta ġewwa l-Parlament bl-isem ta' 'Culhat al Belt' li kienet l-għajta miktuba bil-ġibs mal-ħitan tat-tarzna sabiex iħeġġu lil Maltin jitilgħu l-Belt nhar is-7 ta' Ġunju 1919. Fost l-affarijiet għall-wiri li jirrakkontaw din il-ġrajja, insibu xi ħaġa kurjuża b'rabta ma' Ħal Kirkop. Tkellimna ma' Kenneth Gambin, kuratur ta' din il-wirja li jirrakkontalna fil-qosor l-irvellijiet tas-Sette Giugno u l-istorja wara dan l-oġġett.*

**Il-Kuntest**

Mhux il-ħsieb tiegħi li nippreżenta studju dwar is-*Sette Giugno*. Dwar iċ-ċirkostanti kumplessi u l-ħsibijiet li wasslu għal dawn l-irvellijiet. Saru diversi studji u ġew ippubblikati anke' kotba matul din is-sena. Fost dawn nissuġerixxi li tikkonsultaw il-ktieb *Kulħadd għall-Belt: Sette Giugno 1919-2019*, mitbugħ minn Heritage Malta propju din is-sena. Kienu bosta l-fatturi li wasslu għal dawn l-irvellijiet.

Fuq naħa waħda kellek poplu, b'elementi intellettwali fil-kamp politiku bħal Nerik Mizzi u Manwel Dimech li kienu ilhom snin iħeġġu lill-Maltin sabiex iqumu fuq saqajhom u jitolbu għad-drittijiet tagħhhom. Tagħhhom kienet għajta patrijottika kontra l-ħakma oppressiva Ingliża. Min-naħa l-oħra kellek kundizzjonijiet tal-ħajja ħżiena ħafna minħabba l-prezz esaġerat tal-ħobż, filwaqt li ħafna ħaddiema tat-tarzna tkeċċew minkejja l-kontribut kbir tagħhom matul il-Gwerra l-Kbira. Fl-istess waqt, ġew imposti taxxi fuq taxxi, u l-istudenti universitarji bdew jistrajkjaw minħabba tibdil fil-korsijiet. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Maltin iddeċidew li jibbojkottjaw ukoll iċ-ċelebrazzjonijiet ta' tmiem il-Gwerra l-Kbira. L-akkumulu ta' dawn l-affarijiet li kienu ilhom jinġemgħu wasslu għall-irvellijiet tas-*Sette Giugno*.

**Is-Sibt 7 ta' Ġunju, 1919**

Il-Malti kien poplu li jħoss, li jweġġa', li jgħajjat, u s-7 ta' Ġunju 1919 kienet il-ġurnata li żbroffa. Dawn kienu ġranet fejn il-membri tal-*Assemblea Nazzionale*, kienu qegħdin b'determinazzjoni jxejru t-talba għall-awtonomija, għall-assemblea rappreżentattiva. Dawn il-mexxejja Maltin kellhom jiltaqgħu ġewwa l-*Giovine Malta,* nhar is-Sibt 7 ta' Ġunju sabiex jiddiskutu l-kostituzzjoni l-ġdida fl-*Assemblea Nazzionale*. Eluf ta' Maltin, fosthom studenti universitarji u ħaddiema tat-tarzna inġabru l-Belt biex juru s-solidarjetà ma' din l-għajta u juru li jappoġġawha bi sħiħ. Tqassmu ċfuf ħomor u bojod għal fuq il-pavri tal-ġlekkijiet. Dr Filippo Sceberras kien milqugħ b'entużjażmu kbir hu u dieħel fil-*Giovine Malta* fit-3.30pm.




*Il-laqgħa tal-*Assemblea Nazzionale*, 7 ta' Ġunju 1919*
*(kollezzjoni Giovanni Bonello)*

Intant waqgħu fil-mira ta' dawk li ngabru l-Belt diversi binjiet li għall-Maltin kienu marbuta mal-oppressjoni Ingliża u ma' dawk li kienu kkunsidrati li biegħu ruħhom lill-Ingliżi fil-kontroll tal-prezz tal-qamħ, hekk kif huma stagħnew minn fuq il-foqra. L-ewwel binja li ġiet attakkata kienet il-ħanut *A La Ville de Londres*, li kellu bandiera Ingliża fuq dik Maltija, wara kien imiss il-*Union Club* (illum il-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija) li kien post esklussiv għall-uffiċjali Ingliżi, mingħajr ma rnexxilhom jidħlu. L-istess ġara l-Bibljoteka Nazzjonali li dlonk ikkoperat u niżżlu l-bandiera Ingliża. Wara baqgħu neżlin il-*Liceo* fejn sfrundaw ġewwa u daħlu jniżżlu u jiddisprezzaw il-bandiera Ingliża. Huma u sejrin attakkaw bi tfiegħ ta' ġebel il-Palazz għal darbtejn, simbolu estrem tal-poter imperjali. Ħerba sħiħa saret ukoll fl-istamperija tad-*Daily Malta Chronicle* li kienet meqjusa bħala gazzetta pro-Ingliża li kien biss moħħha fl-interessi kolonjali u mhux f'dawk tal-Maltin. Minkejja li l-pulizija pprovat tikkontrolla, l-istamperija sfat imkissra u meqruda totalment bin-nirien. Waqt dan kollu folla oħra ta' madwar 2,000 ruħ imxiet għal Triq Santa Luċija sabiex tattakka id-dar ta' Francesco Azzopardi disprezzat mill-poplu Malti għaliex wisq qrib tal-Ingliżi. Bi prekawzjoni Azzopardi u ibnu kienu ħallew id-dar u sabu rifuġju f'kamp militari Ingliż qabel telqu lejn l-Eġittu biex isalvaw ġildhom. Wara kien imiss id-dar ta' Antonio Cassar Torregiani fi Triq l-Ifran. Dan tal-aħħar kien importatur tal-qamħ u president tal-*Flour Control Board* u għalhekk kien meqjus ħati taż-żjieda fil-prezz tal-ħobż. Dawn id-djar sfaw misruqa, b'għamajjar u affarijiet oħra ħerġin minn ġot-twieqi. Id-dar tal-Avukat tal-Kuruna Dr Michelangelo Refalo fl-istess triq ukoll sfat attakkata mingħajr wisq suċċess.

Kien hawn, għall-ħabta tal-5:30pm, li bdew ġejjin is-suldati Ingliżi sabiex jistabilixxu l-ordni, xi ħaġa li l-pulizija ma rnexxilhiex tagħmel għaliex inferjuri sew fin-numru kumparat mal-folol. Dawn ġew milqugħa b'suttar u ħafna rabja. Taħt il-Maġġur Ritchie ġew ordnati li jżommu pożizzjoni, dahar ma' dahar f'żewġ linji, f'*firing position*, biss imwissija biex ma jisparawx. Il-folol ma kienux armati, u ħadd minnhom ma mmaġina li l-Ingliżi jistgħu jaslu s'hawn. Fil-pandimonju li kien hemm, xi uffiċjali ippanikjaw u sparaw fuq il-folla diżarmata sabiex inqatlu żewġ Maltin u ndarbu diversi oħra. L-ewwel żewġ vittmi kienu Emmanuele Attard minn Tas-Sliema, li sparawlu minkejja li kellu jdejh mgħollija 'l fuq; u Giuseppe Bajada mix-Xagħra, li miet mgħannaq f'bandiera Maltija għalkemm dan kien daħal il-Belt sabiex jagħmel il-passaport u jemigra lejn l-Amerika.

Għall-ħabta tas-6pm għaxar suldati oħra taħt *Lieutenant* Shields marru fi Triq it-Teatru l-Antik sabiex jikkontrollaw is-sitwazzjoni quddiem id-*Daily Malta Chronicle.* Dan ordna lis-suldati




***Il-Maltin wiċċ ma' wiċċ mas-suldati Ingliżi quddiem il-Qorti (kollezzjoni Giovanni Bonello)***



***L-irvellijiet matul Strada Rjali (kollezzjoni Giovanni Bonello)***



***Emmanuele Attard***



***Giuseppe Bajada***



***Lorenzo Dyer***

jisparaw, b'waħda mill-balal tolqot lil Lorenzo Dyer li kien qiegħed iserraħ maġenb il-funtana fil-kantuniera ta' Pjazza San Ġorġ, faċċata tal-istamperija. Dyer miet fl-istess pjazza quddiem il-Main Guard. Dan kompla żied ir-rabja fost il-Maltin hekk kif kull min kien liebes uniformi Ingliża safa mgħajjar, attakkat u msawwat u mħollija fl-art għal mejtin.




***Il-midrub jiddaħħal fil-laqgħa tal-Assemblea nazzionali, dettall mill-karta tal-10 liri***

Intant xejn ma kien għadu wasal minn dan kollu fil-laqgħa tal-*Assemblea Nazzionale*, sakemm għall-ħabta tal-5:50pm iddaħħal fis-sala tal-laqgħa Paolo Zammit midrub bid-demm minn tir tal-Ingliżi. Xena memorabbli li pitter Ġanni Vella u li għal ħafna snin rajnieha fuq il-karta tal-għaxar Liri Maltin. Filippo Sceberras temm il-laqgħa malajr bl-għajta ta'Viva Malta. Intant il-folol riedu jidħlu l-Qorti sabiex iħebbu għall-uffiċjali li daħlu jistkennu hemm. Membri mill-*Assemblea* bħal Dr Caruana Gatto, Dr Serafino Vella, Mons. Giuseppe de Piro, Dun Enrico Dandria, G. Vassallo u Saviour Zammit Hammet niżlu jikkalmaw il-folla anke jekk kien għad hemm l-isparar għaddej. Delegati oħra rnexxilhom jikkonvinċu lil-*Lieutenant* Governor Robertson sabiex jirtira t-truppi. Is-sitwazzjoni kkalmat bil-mod u l-folol bdew inaqqsu u jmorru d-dar.

**Il-Ħadd 8 ta' Ġunju 1919**

L-għada n-nies bdew deħlin il-Belt sa mis-7 ta' filgħodu sabiex isiru jafu aktar x'ġara fil-ġurnata ta' qabel. Hekk kif innotaw li kien għad hemm il-kommossjoni Mons De Piro u Dr Caruana Gatto reġgħu niżlu man-nies jikkalmawhom. L-Arċisqof Caruana talab lill-Ġeneral Hunter Blair il-ħelsien ta' dawk arrestati fil-ġurnata ta' qabel, mingħajr ebda suċċess. Ħwienet inżammu magħluqa, il-bnadar inżammu mezz'asta u girlandi tar-rand tpoġġew fil-punti fejn mietu l-vittmi tas-7 ta' Ġunju. Mid-dehra fost in-nies li daħlu l-Belt il-Ħadd kien hemm nies ta' gazz u uċuħ li għal Caruana Gatto kienu familjari fil-qorti kriminali. Dawn kienu qegħdin

imlebilba u lesti li japprofittaw ruħhom mis-sitwazzjoni. L-ewwel vittma kien suldat Ingliż W. Mc Dougall li fid-9:30 safa aggredit sa ma miet fil-21 ta' Ġunju. Fl-10 ta' filgħodu reġgħu attakkaw dak li kien fadal mid-*Daily Malta Chronicle* li reġgħu tawha n-nar. Intant Hunter Blair iltaqa' mad-deputati Filippo Sceberras, Enrico Mizzi, u Caruana Gatto fil-Palazz. Ftehmu li ser jagħmlu minn kollox biex jistabilixxu l-ordni basta ssir inkjesta uffiċjali bil-preżenza tal-Maltin u ma jiġix ordnat l-intervent ta' aktar suldati sabiex iżommu l-ordni. F'nofsinhar Hunter Blair, Sceberras u Mizzi indirizzaw lill-folla mill-gallerija tal-Palazz, u s-sitwazzjoni kkalmat sa madwar l-4:30pm. Hawn il-Maltin bdew jattakkaw il-Main Guard, biss wara ftit il-Kaptan A.Agius ikkonvinċihom sabiex jitilqu. Għal ħabta tal-5pm uffiċjali fil-Union Club bdew iwaddbu muniti fuq il-Maltin fit-toroq. Dawn min-naħa tagħhom bdew iwaddbu l-ġebel għall-ħġieġ tal-binja, u sawtu uffiċjal Ingliż li pprova jidħol ġewwa. Issejħu l-*marines*, biss ma ntervjenewx. Is-sitwazzjoni kkalmat wara li ġew sparati xi tiri fl-arja. L-attakk li kien imiss seħħ fis-6:30pm fuq il-palazz ta' John Louis Francia, quddiem it-Teatru Rjal. Dan kien impurtatur ewlieni tal-qamħ u president tal-Kamra tal-Kummerċ. Francia kien ġewwa mal-familja tiegħu, hekk kif ra l-folla rrabjata prova jkellimhom darbtejn, iżda kien kollu ta' xejn. L-istess għamlu Mons de Piro u Dr Caruana Gatto, mingħajr wisq suċċess. Il-folla kellha f'moħħha li tidħol tagħmel ħerba u ġġorr dak kollu li setgħet, u hekk għamlet filwaqt li il-familja Francia issakkret fil-kantina. Suldati tar-*Royal Malta Artillery* pprovaw jikkalmaw is-sitwazzjoni, biss il-kontroll seħħ biss meta intervjenew il-*marines* li arrestaw 32 persuna minn ġol-binja. Carmelo Abela ħaddiem tat-tarzna mill-Belt, li kien qiegħed maġenb il-binja ħarab jiġri hekk kif waslu l-*marines*. Dan intlaqat b'tir fl-istonku u tkaxkar sa fuq it-taraġ tat-teatru. Wara ttieħed l-isptar fejn miet fis-16 ta' Ġunju.

Dawk li kienu qegħdin jipprotestaw ma kinux kuntenti. Folla ta' madwar 700 dawru ħarsithom fuq il-mitħna tat-dqiq u r-residenza tal-familja Farrugia fil-Ħamrun. Il-familja u l-impjegati kollha laħqet waslitilhom l-aħbar u għalhekk kienu ġa ħallew id-dar meta wasal l-inkwiet. Il-folla, li kienet tinkludi nisa u tfal, wissiet lil żewġ uffiċjali tal-pulizija biex ma tintervjenix hekk kif dawn bdew jaħtfu kull ħaġa utli li bdiet ġejja għal idejhom. Serqu xkejjer tad-dqieq u ross, għodod, għamara u dak kollu li bdew isibu, u l-kumplament tawh in-nar. Ħaġa tal-iskantament, Teresa Gauci, waħda mill-qaddejja tal-familja Farrugia baqgħet hemm u rnexxielha ssalva uħud mill-ħwejjeġ prezzjużi tal-familja li kienu msakkra f'*safe*, li kien diġà sab ruħu 'l barra mir-residenza ġo għalqa. Bl-għajjat tagħha, u propju għaliex hi kienet Maltija u ta' klassi inferjuri bħal dawk li kienu qegħdin jattakkaw, poġġiet bilqiegħda fuq is-*safe* u rnexxielha żżomm lill-aggressuri milli jifthuh. Dan is-*safe*, imdaqqas qisu gwardarobba tal-bidu tas-seklu 20, illum għadu propjetà tal-familja Farrugia u jinsab fl-impjant tal-Multigas f'Ħal Kirkop!



***Carmelo Abela***

Hekk kif waslu l-*marines* il-Ħamrun, ma kien għad fadal xejn x'jipproteġu. Wara dan id-diżastru l-familja Farrugia mill-industrija tad-dqiq, qalbet għall-gass. Aktar tard matul is-snin ingħaqdu ma' Simonds tal-luminati (għalhekk il-gas kien importanti) u saru Simonds Farsons Cisk. Il-Multigas hija kumpanija separata minn Farsons iżda xorta proprjetà ta' Farrugia. Is-*safe* spiċċa Ħal Kirkop, ma nafux għaliex, iżda probabbilment b'deċiżjoni arbitrarja ta' Farrugia li forsi ma kellux fejn ipoġġih l-Imrieħel.

L-istorja tal-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju baqgħet għaddejja, b'aktar attakki fid-9 ta' Ġunju fuq il-mitħna ta' Cassar Torregiani fil-Marsa u fuq il-Palazz tal-Isqof il-Belt, li kien meqjus minn diversi li kien wisq favur l-Ingliżi. Kien Mons de Piro u l-Isqof Awżiljarju Angelo Portelli li rnexxielhom jikkalmaw lill-folla b'numru ta' diskorsi mill-Palazz tal-Isqof, mill-gallerija tal-Katidral ta' San Ġwann u mit-taraġ tat-Teatru Rjal. Fl-istess ġurnata saru l-funerali impressjonanti tal-ewwel tliet vittmi, b'purċissjoni mill-Belt sal-Addolorata. Din xi ftit aljenat lill-follol milli jkomplu bl-attakki.

Il-ġrajja tas-*Sette Giugno* tkompli b'riperkussjonijiet importanti li mmarkaw l-istorja soċjali u politika Maltija. Kienu propju dawn l-irvellijiet li bdew it-triq biex Malta jkollha Kostituzzjoni ġdida u Gvern responsabbli, u magħha l-ftuħ tal-Parlament Malti, fl-1921. Is-*Sette Giugno* 1919 ser jibqa' mniżżel fl-istorja ta' Malta bħala l-ġurnata li fiha l-Maltin ingħaqdu u semmgħu leħinhom.

**Tagħrif mislut minn:**

Kenneth Gambin, Godwin Vella (ed.), Kulħadd Għall-Belt: Sette Giugno 1919-2019, Heritage Malta, 2019



***Is*-safe tal-familja Farrugia llum fil-Multigas Ħal Kirkop (ritratt Daniel Cilia)**




***Il-funeral ta' Attard, Bajada u Dyer, 9 ta' Ġunju 1919 (kollezzjoni Giovanni Bonello)***